KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 391 B'Urġenza

It-Tlieta 30 ta' Ġunju 2020

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-sitta ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sindku Kurstein Nicholas Sant
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier Adrian Farrugia
Il-Kunsillier Francine Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Dominic Grech

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi - 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi SĠW 1073
t +356 2146 6000 f +356 2146 2946
e siggiewi.lc@gov.mt w www.siggiewi.gov.mt KLSiggiewi

391. **Proġett '*Slow Streets*'**

Is-Sindku ta introduzzjoni tal-proġett 'Slow Streets' li l-iskop tal-proġett huwa bbażat fuq miżuri temporanji u li ser isiru studji biex jiġu mistħarrġa l-aħjar possibiltajiet ta'spazji miftuħa u żoni pedonali. L-iskop huwa li ma tkunx attivita' ta' darba, iżda jkun proġett permanenti, regolari jew staġjonali, eżempju fis-sajf biss jew f'weekends.

L-istudju għal dan il-proġett huwa stmat €3000 (kull Kunsill). Il-Kunsill Reġjonali Nofsinhar offra l-finanzjament ta' €5000 għal miżuri ta' implimentazzjoni għal dan il-proġett u skond l-AKL hemm għajnuna ta' €500,000 lill-Kunsilli mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u anka għajnuna mill-Ministeru għat-Transport u Infrastruttura.

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li l-istudju ma jistax ikun ġeneriku għal lokalitajiet kollha u l-Kunsill għandu jiltaqa' mal-konsulent biex jiddiskuti l-esiġenzi partikolari tal-lokalita'. Hija qalet ukoll li għandu jkun hemm konsultazzjoni sħiħa mar-residenti.

Is-Sindku propona li l-Kunsill ikun parteċipi f'dan il-proġett u saqsa għal vot tal-Kunsill.

Il-Kunsill unanimament qabel li jipparteċipa fil-proġett 'Slow streets' u li l-Kunsill iħallas is-somma ta' €3000 għall-istudju kif indikat.

Il-laqgħa intemmet fis-6.45 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 6 ta' Lulju 2020

Dr Kurstein N. Sant
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv